TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 37/19/F

**George Spiteri**

**vs**

**K.N.K Air Conditioners Co. Ltd.**

Illum, 27 ta' Novembru, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-1 t'April, 2019 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' sitt mija u tletin Ewro (€630), rappreżentanti l-prezz ta' aircondition unit illi wara li nxtara ma bediex jiffunzjona.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta minkejja li kien notifikat.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi f'Awwissu 2014, huwa kien xtara aircondition mingħand is-soċjeta' ntimata u li kellu garanzija ta' ħames snin fuq parts, labour u kumpressur/tank. Illi fl-aħħar ġimgħa ta' Novembru 2018, dana l-aircondition waqaf jaħdem u għalhekk għamel rapport mad-ditta ntimata sabiex isewwu l-ħsara peress li kien għadu bil-garanzija. Is-soċjeta' ntimata bagħtet technician illi qal li l-motherboard kienet bil-ħsara u li riedet tinbidel. Illi minkejja li kienu avżawh li kienu se jibdlu l-motherboard meta taslilhom l-ordni minn barra, dawna qatt ma kkuntattjawh.

It-Tribunal, jinnota li l-intimat debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet, ma deherx għas-seduta u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, permezz ta' l-Affissjoni, u l-pubblikazzjoni fuq Gazzetta tal-Gvern u Gazzetta Lokali.

It-Tribunal, wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti, jinnota li l-verżjoni tiegħu hija kredibbli u aċċettabbli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' sitt mija u tletin Ewro (€630), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi l-aircondition isir propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888